MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 116/2011

Kawza fil-lista: 21

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li l-attrici, cittadina Maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin minn Nigerja, fil-25 ta' Awissu 2008, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [b][d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null; ghaldaqstant l-attrici qed titlob li dan iz-zwieg jigi dikjarat null; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici zzewwget lill-konvenut fil-25 ta' Awissu 2008 wara li kienet ilha tafu ghal xi zmien.  F' dak iz-zmien huwa kien jidher li kien ihobb lill-attrici, u kien jghinha u jirrispettaha.

Fil-25 ta' Awissu 2008, meta zzewwgu, il-partijiet iddecidew li jmorru honeymoon l-Ingilterra, izda meta gew ghall-ipprocessar tad-dokumenti, hi giet informata mill-awtoritajiet Inglizi li l-visa tieghu kienet qed tigi rifjutata peress li l-konvenut kellu passaport falz, u li kien qed jipprova jidhol l-Ingilterra b' identita' ohra.

Konsegwentement ir-relazzjoni matrimonjali bejn il-partijiet bdiet tiddigenera b' hafna nkwiet u glied bejniethom, meta l-konvenuta biddel l-atteggjament tieghu fil-konfront ta' l-attrici, allura martu, u beda jehddidha kontinwament u anke jerfa' idjeh fuqha. Rizultat ta' dan, l-attrici telqet mid-dar konjugali fl-1 ta' Gunju 2009.  Eventwalment hi kienet giet informata li l-konvenut kien qieghed il-habs minhabba li kellu passaport falz.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Fil-kaz in dizamina l-Qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut;  ghax l-uniku skop li ghalih il-konvenut izzewweg lill-attrici kien wiehed ta' konvenjenza,u mhux ghax ried verament jghix il-hajja konjugali ma' l-attrici.  Huwa ma fehemx l-import tal-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-25 ta’ Awissu 2008.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------